# Tagħrif fil-qosor imwassal mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2008/C 210/05)

**Numru XA:** XA 139/08

**Stat Membru:** L-Italja

**Reġjun:** Campania

**Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża benefiċjarja ta' għajnuna individwali:**

Incentivi a favore delle aziende agricole per investimenti finalizzati all'utilizzo di fonti rinnovabili di energia per l'auto-produzione aziendale e il recupero di energia termica, elettrica e meccanica e di sistemi idonei a ridurre i consumi energetici, per la produzione primaria di prodotti agricoli

**Bażi ġuridika:**

— D.lgs 30 aprile 1998 n. 173, art. 1, commi 3 e 4 (Gazzetta Ufficiale n. 129 del 5.6.1998), che ha istituito un regime di aiuti per l'incentivazione dell'utilizzo di fonti rinnovabili di energia e di sistemi idonei a limitare l'inquinamento e l'impatto ambientale o comunque a ridurre i consumi energetici

— DM n. 401 del 11.9.1999 (Gazzetta Ufficiale n. 260 del 5.11.1999), recante le norme di attuazione dell'art. 1, commi 3 e 4 del D.lgs n. 173/98 per la concessione di aiuti a favore della produzione e utilizzazione di fonti energetiche rinnovabili nel settore agricolo

— Regolamento (CE) n. 1857/2006 della Commissione, del 15 dicembre 2006, relativo all'applicazione degli articoli 87 e 88 del trattato degli aiuti di Stato a favore delle piccole e medie imprese attive nella produzione di prodotti agricoli e recante modifica del regolamento (CE) n. 70/2001 (GU L 358 del 16.12.2006)

— D.G.R. n. 214 dell'1.2.2008, «Modifica della DGR n. 283 del 4 marzo 2006 ed adeguamento, alle condizioni previste dal reg. (CE) n. 1857/2006 della Commissione del 15 dicembre 2006, degli aiuti a favore dell'impiego di fonti energetiche rinnovabili e per il risparmio energetico in agricoltura, approvati con la medesima deliberazione n. 283/2006»

**Spiża annwali prevista fl-ambitu ta' l-iskema jew ammont annwali totali ta' l-għajnuna individwali li jingħata lill-impriża:** In-nefqa annwali totali ppjanata fil-baġit fl-ambitu ta' l-iskema preżenti hija ta' EUR 574 238. Dan l-ammont jista' jiżdied għas-somma totali ta' EUR 1 990 941,22, allokata u trasferita lir-reġjun ta' Campania skond id-DM Nru 156409 tat-8 ta' Novembru 2001 għal inizjattivi previsti skond l-ordni leġiżlattiva 173/98, l-Artikoli 1 (3) u 4, u wara kwalunkwe ffrankar fl-ispejjeż għal azzjonijiet iffinanzjati bl-iskema preċedenti Nru XA 74/05, eżentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1/2004

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** L-intensità grossa ta' l-għajnuna ma tistax taqbeż l-40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli u tista' tiżdied sa 50 % għalll-impriżi li jinsabu fiż-żoni skond l-Artikolu 36(a)(i)(ii) u (iii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005. Fil-każ ta' l-investimenti mwettqa minn bdiewa żgħażagħ fi żmien ħames snin mill-istabbiliment, it-tali perċentwali jistgħu jilħqu massimu ta' 50 % u 60 %, rispettivament.

"Bdiewa żgħażagħ" tfisser produtturi ta' prodotti agrikoli li jirrispettaw il-kriterji ta' l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Din l-iskema ta' għajnuna għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Bollettino Ufficiale della Regione Campania (BURC) u fi kwalunkwe każ mhux qabel l-għaxart ijiem tax-xogħol wara li jkun intbagħat dan id-dokument, kif previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għajnuna individwali:** L-iskema tkompli sakemm jispiċċaw il-fondi u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-perjodu ta' validità tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**L-għan ta' l-għajnuna:** L-iskema ta' għajnuna hija maħsuba bħala appoġġ għall-impriżi agrikoli u reġjonali żgħar u ta' daqs medju, individwali jew assoċjati, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001, li ma jaqgħux fil-kategorija ta' impriżi f'diffikutà.

Il-miżuri għandhom dawn l-għanijiet:

— tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni b'referenza partikolari għall-iffrankar dinamiku u għall-użu ta' għejun ta' enerġija li jiġġeddu,

— promozzjoni u titjib ta' l-ambjent naturali, permezz tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ta' l-erożjoni,

— promozzjoni tad-diversifikazzjoni ta' l-attività agrikola.

L-inċentivi msemmija jinsabu fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

L-ispejjeż eliġibbli għall-iskema ta' għajnuna huma dawn:

— l-ispejjeż għal xogħlijiet, impjanti u tagħmir għall-ġbir, il-ħżin u l-ewwel proċessar ta' bijomassa veġetali maħsuba għall-użu enerġetiku, esklussivament għall-ħtiġijiet ta' l-azjenda,

— l-akkwist u l-istallazzjoni ta' impjanti ta' ġeneraturi termiċi bi prestazzjoni għolja mħaddma minn bijomassa veġetali agrikola, għall-ħtiġijiet ta' l-azjenda stess,

— magni, tagħmir, impjanti u xogħlijiet relatati mal-produzzjoni u l-ksib ta' enerġija minn għejun ta' enerġija li jiġġeddu (mix-xemx, mir-riħ, enerġija ġeotermika, minn bijomassa ta' oriġini veġetali agrikola, idrolika), sabiex tiġi sodisfatta id-domanda ta' l-enerġija għall-azjenda,

— magni u tagħmir, inklużi programmi ta' l-informatika, għall-applikazzjoni ta' teknoloġiji mfassla għat-tnaqqis fil-konsum ta' l-enerġija ta' l-azjenda,

— spejjeż ġenerali marbuta ma' l-ispejjez tal-punti preċedenti, bħal ħlasijiet għall-proġettazzjoni, studji dwar il-fattibblità u konsulenza

**Settur(i) konċernat(i):** L-iskema ta' għajnuna tapplika għal kull settur fl-agrikoltura

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Giunta regionale della Campania — Assessorato all'Agricoltura ed attività produttive — Area generale di coordinamento Sviluppo attività settore primario — Settore Interventi per la produzione agricola, produzione agroalimentare, mercati agricoli, consulenza mercantile — Centro Direzionale-Isola A6 — I-80143 Napoli — Tel. (39) 081 796 74 25; telefax (39) 081 796 75 30

**Sit ta' l-Internet:**

www.sito.regione.campania.it/agricoltura/aiuti/energia.html

**Tagħrif ieħor:** —

---

**In-numru XA:** XA 142/08

**L-Istat Membru:** Ir-Renju Unit

**Ir-reġjun:** Scotland

**It-titlu ta' l-iskema ta' l-Għajnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi għajnuna individwali:**

Shetland Johne's Disease Scheme

**Il-bażi ġuridika:**

Local Government in Scotland Act 2003; Zetland County Council (ZCC) Act 1974

**In-nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont totali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** GBP 35 000 (Ħamsa u tletin elf Lira Sterlina)

| Is-sena | In-nefqa totali ppjanata |
|---|---|
| 2007-2008 | GBP 35 000 |
| 2008-2009 | GBP 35 000 |
| 2009-2010 | GBP 35 000 |
| 2010-2011 | GBP 35 000 |
| 2011-2012 | GBP 35 000 |
| It-total | GBP 175 000 |

(Din l-Iskema ser tithaddem bhala *servizz* għall-komunità agrikola kollha)

**L-intensità massima ta' l-għajnuna:** L-intensità ta' l-għajnuna hija ta' 100 % b'konformità mal-Kapitolu 2 ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament

**Id-data ta' l-implimentazzjoni:** L-iskema ser tibda fl-1.4.2008

**It-tul taż-żmien ta' l-skema jew l-għotja ta' l-għajnuna individwali:** L-iskema ser tibda f'l-1 ta' April 2008 u ser tagħlaq fil-31 ta' Marzu 2013.

**L-għan ta' l-għajnuna:** L-iskema ser tithaddem skond il-Kapitolu 2 ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. The Shetland Johne's Disease Scheme (l-Iskema Johne's Disease tas-Shetland)(SJDS) hija mfassla biex tipprovdi servizz ta' skrining għall-marda Johne's Disease fil-bovini, sew fil-punt li l-bhejjem jidħlu f'Shetland sew fil-merħliet eżistenti kollha tal-bovini fix-Shetland. L-ittestjar huwa effettiv fil-barrin u l-baqar li għandhom aktar minn sentejn. Din l-iskema tinkludi kollox, u tiżgura li l-bovini relevanti kollha li jidħlu f'Shetland, u fil-mitejn merħla u waħda (201) kollha tal-bovini li jeżistu f'Shetland huma ttestjati għal Johne's Disease. L-iskema hija pprovduta bhala servizz għall-komunità agrikola kollha, u ma żżommx miżata jew taxxa għall-ittestjar tal-bhejjem importati jew eżistenti — Għajnuna mogħtija skond din l-iskema hija mogħtija b'xejn permezz ta' servizzi ssussidjadi, u **mhux** ser tinvolvi ħlas dirett ta' flus lill-produtturi.

Billi tittestja l-bhejjem importati għall-marda, l-għan prinċipali tas-SJDS huwa li ssostni l-status Għoli tas-Saħħa, ħieles mill-mard, fil-merħliet ta' Shetland u b'hekk jintlaħqu l-Għanijiet kollha li ġejjin:

— li jonqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni,

— li titjieb jew tinfetaħ mill-ġdid il-produzzjoni,

— li titjieb il-kwalità,

— li jitħarsu u jitjiebu l-ambjent naturali, il-kundizzjonijiet ta' l-iġjene u l-istandards tal-benessri ta' l-annimali

**Is-settur(i) ikkonċernat(i):** Bhejjem — bovini

**L-isem u l-indirizz ta' l-awtortità li tagħti l-għajnuna:**

L-organizzazzjoni responsabbli għall-iskema

Shetland Islands Council
Economic Development Unit
6 North Ness Business Park
Lerwick
Shetland ZE1 0LZ
United Kingdom

**L-indirizz elettroniku:**

http://www.sdt.shetland.org/Schemesinnotificationprocess.aspx

Inkella, tista' tidħol fil-websajt ċentrali tar-Renju Unit għall-eżenzjonijiet fl-għajnuniet mill-Istat fis-settur ta' l-agrikoltura f'

http://defraweb/farm/policy/state-aid/setup/exist-exempt.htm

Agħfas fuq il-ħolqa Shetland Johne's Disease Scheme

**Aktar tagħrif:** —

Iffirmat u ddatat f’isem id-Department for Environment, Food and Rural Affairs (id-Dipartiment ta’ l-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali) (l-awtortità kompetenti tar-Renju Unit)

Neil Marr
Agricultural State Aid Team Leader
Defra
5D 9 Millbank
c/o Nobel House
17 Smith Square
Westminister
London SW1P 3JR
United Kingdom

---

**In-numru XA:** XA 143/08

**L-Istat Membru:** Il-Belġju

**Ir-reġjun:** Vlaanderen

**It-titlu ta’ l-iskema ta’ l-għajnuna/isem l-impriża li qed tirċievi għajnuna individwali:**

Vlaams Varkensstamboek vzw

**Il-bażi ġuridika:**

— Decreet van 21 december 2007 houdende de algemene uitgavenbegroting van de Vlaamse Gemeenschap voor het begrotingsjaar 2008

— Koninklijk besluit van 2 september 1992 betreffende de verbetering van fokvarkens/Arrêté royal du 2 septembre 1992 relatif à l’amélioration des reproducteurs porcins

— Ministerieel besluit van 3 september 1992 betreffende de verbetering van de fokvarkens/Arrêté ministériel du 3 septembre 1992 relatif à l’amélioration des reproducteurs porcins

**In-nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont totali ta’ għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 463 000

**L-intensità massima ta’ l-għajnuna:** sa 100 % ta’ l-ispejjeż amministrattivi biex jinfetħu u jinżammu r-reġistri tal-bhejjem,

sa 70 % ta’ l-ispejjeż tat-testijiet magħmula minn jew f’isem partijiet terzi għad-determinazzjoni tal-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem; bl-eċċezzjoni tal-kontrolli mwettqa minn sid il-bhejjem u tal-kontrolli ta’ rutina tal-kwalità tal-ħalib.

**Id-data ta’ l-implimentazzjoni:** L-għajnuna tista’ tingħata mill-1 ta’ April u, l-aktar kmieni, 15-il jum wara l-preżentazzjoni ta’ l-applikazzjoni.

L-għajnuna tista’ tingħata permezz ta’ digriet ta’ implimentazzjoni. Dawn id-digrieti jitħejjew annwalment. Għandu jitfassal abbozz għal digriet ta’ implimentazzjoni, u għandu jinkludi klawżola ta’ “standstill”

**It-tul taż-żmien ta’ l-iskema jew ta’ l-għotja ta’ l-għajnuna individwali:** Is-sussidju għandu jingħata fil-perjodu sal-31.12.2008

**L-għan ta’ l-għajnuna:** Il-Vlaams Varkensstamboek (VVS) hija assoċjazzjoni rikonoxxuta li ma tagħmilx profitt u li żżomm ir-reġistri tal-merħla għar-razez differenti tal-ħnieżer. Hija tindika li ser tuża l-għajnuna biex tħallas l-ispejjeż amministrattivi għall-ħolqien u ż-żamma tar-reġistri tal-bhejjem, id-dħul tad-dejta tal-wild ġdid u r-rekords ġenealoġiċi fid-database, u l-ħruġ ta’ ċertifikati żooteknici u tal-pedigree.

Il-VVS twettaq ukoll testijiet għad-determinazzjoni tal-kwalità ġenetika jew tar-rendiment ta’ l-istokk riproduttiv. Jitwettqu tliet tipi ta’ testijiet:

(1) tal-fertilità;

(2) tal-kapaċità tas-simna u l-kwalità tal-qtil;

(3) tal-produttività f’termini tkabbir u l-perċentwal tal-laħam.

Il-miżura taqa’ fl-ambitu ta’ l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 u tissodisfa l-kondizzjonijiet tiegħu.

L-Artikolu 16(1)(a): għajnuna bir-rata sa 100 % biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi għall-ħolqien u ż-żamma tar-reġistri tal-bhejjem.

L-Artikolu 16(1)(b): għajnuna bir-rata sa 70 % ta’ l-ispejjeż tat-testijiet magħmula minn jew f’isem partijiet terzi, id-determinazzjoni tal-kwalità ġenetika jew r-rendiment tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni tal-kontrolli mwettqa minn sid il-bhejjem u l-kontrolli ta’ rutina tal-kwalità tal-ħalib

**Is-settur(i) ikkonċernat(i):** Il-bhejjem

**L-isem u l-indirizz ta’ l-awtortità li tagħti l-għajnuna:**

Departement Landbouw en Visserij
Duurzame Landbouwontwikkeling
Ellips, 6e verdieping
Koning Albert II laan, 35, bus 40
B-1030 Brussel

**Indirizz elettroniku:**

http://www2.vlaanderen.be/ned/sites/landbouw/info/steun/eu.html

**Tagħrif ieħor:** —

Jules VAN LIEFFERINGE
*Secretaris-generaal*

---

**In-numru ta’ l-XA:** XA 144/08

**L-Istat Membru:** Franza

**Ir-reġjun:** Ir-Reġjun ta’ l’Hérault

**It-titlu ta’ l-iskema ta’ għajnuna:**

Régime d’aides aux frais administratifs de cessions d’immeubles ruraux non bâtis permettant la constitution d’îlots culturaux regroupés (remembrement)

**Il-bażi ġuridika:**

— l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006,

— Articles L121-24, L121-25 et L124-1 à L124-13 du Code rural,

— Convention cadre avec la Région Languedoc-Roussillon selon l'article L 1511-3 Code Général des Collectivités Territoriales (projet)

— Délibération du Conseil général de l'Hérault (projet)

**In-nefqa annwali ppjanata fl-ambitu ta' l-iskema ta' għajnuna:** EUR 50 000

**L-intensità massima ta' l-għajnuna:** 60 % ta' l-ispejjeż reali mġarrba, skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:

*L-ispejjeż eliġibbli*

— l-ispejjeż amministrattivi marbuta mat-trasferimenti ta' l-art u t-tassazzjoni tagħhom, inklużi l-ispejjeż biex issir l-istima fejn dan ikun meħtieġ sabiex isiru l-atti notarili.

*It-transazzjonijiet eliġibbli:*

— it-trasferiment ta' art rurali mhix żviluppata li mhix akbar minn ettaru u nofs u li tiswa iktar minn EUR 1 500,

— it-transferimenti approvati mill-kumitat tad-dipartiment għall-pjanifikazzjoni ta' l-artijiet skond l-Artikolu L124-4 tal-Kodiċi Rurali,

— l-għajnuna se tkun limitata għal pakkett totali ta' mhux aktar minn 10 ettari għall-istess xerrej

**Id-data ta' l-implimentazzjoni:** Minn meta tiġi approvata mill-Kummissjoni

**It-tul ta' żmien ta' l-iskema ta' għajnuna:** Sal-31.12.2013

**L-għan ta' l-għajnuna:** L-għan hu li titħaffef ir-ristrutturazzjoni ta' l-art permezz tal-bejgħ ta' l-artijiet minn proprjetarji li jaħdmuhom u li b'hekk ikollhom l-għan li jtejbu l-profittabbiltà tal-proprjetà tagħhom.

Fir-realtà, it-tifrix ta' l-ibliet u l-frammentazzjoni tal-proprjetajiet ma jippermettux l-aħjar prattiċi agrikoli u jgħollu l-ispejjeż, u b'hekk jaffettwaw kemm il-produttività kif ukoll, fejn applikabbli, id-diversifikazzjoni ta' l-għelejjel.

Mill-banda l-oħra, il-ħolqien ta' biċċiet ta' art li jkunu kbar biżżejjed biex jitkabbru l-għelejjel se jgħin biex il-qasam agrikolu juża bl-aħjar mod il-prattiki tiegħu.

Il-kumitat tad-dipartiment għall-pjanifikazzjoni ta' l-artijiet jista' jitlob li jkun hemm raggruppament ta' l-artijiet, kif imfisser għall-finijiet tat-taxxa, dejjem jekk ma jkun hemm l-ebda xkiel fiżiku (toroq, fossijiet, eċċ) jew amministrattiv għal dan

**Is-setturi kkonċernati:** Is-settur agrikolu ("A") u dak naturali ("N" fid-dokumenti eżistenti lokali tat-tfassil ta' l-ibliet) fir-reġjun ta' l-Hérault

**L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Conseil général de l'Hérault
Pôle développement et emploi
Direction agriculture et développement rural
Service foncier agricole et territoire Leader
Hôtel de Département
1000, rue d'Alco
F-34087 Montpellier Cedex 4
Tél. (33-0) 467 67 70 00 — Fax (33-0) 467 67 67 53
E-mail: agrirural@cg34

**L-indirizz tas-sit ta' l-internet:**

http://www.cg34.fr/economie/index.html

Taħt:

Économie/Agriculture/Territoire/Aménagement foncier/

[en savoir plus]: cessions de certains immeubles ruraux

**Aktar tagħrif:** —

**Il-benefiċjarji:** Il-bdiewa, dejjem jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

— dawn ikunu qed jibbenefikaw minn inizjattiva ta' żvilupp lokali, kif deskritta fil-formola Nru 341-B1 tad-Dokument Reġjonali ta' l-Iżvilupp Rurali għall-2007 sa l-2013 (it-taqsima Languedoc-Roussillon),

— il-partijiet involuti fi tranżazzjoni bilaterali ma jridux ikunu jiġu minn xulxin (inkluż qraba sat-tieni grad)

---

**In-numru XA:** XA 147/08

**L-Istat Membru:** Il-Latvja

**Ir-reġjun:** —

**It-titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi għajnuna individwali:**

Atbalsta shēma „Atbalsts demonstrējumiem saimniecībās"

**Il-bażi ġuridika:**

Ministru kabineta noteikumi „Noteikumi par valsts atbalstu lauksaimniecībai 2008. gadā un tā piešķiršanas kārtību" 4. pielikuma III. atbalsta programma 46.–53. punkts

**In-nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont totali ta' għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

L-ammont totali skond l-iskema ta' għajnuna fl-2008: LVL 120 000

L-ammont totali skond l-iskema ta' għajnuna fl-2009: LVL 130 000

L-ammont totali skond l-iskema ta' għajnuna fl-2010: LVL 140 000

L-ammont totali skond l-iskema ta' għajnuna fl-2011: LVL 150 000

L-ammont totali skond l-iskema ta' għajnuna fl-2012: LVL 160 000

L-ammont totali skond l-iskema ta' għajnuna fl-2013: LVL 170 000

**L-intensità massima ta' l-għajnuna:** L-għajnuna għal attivitajiet ta' wiri fl-azjendi agrikoli u waqt wirjiet agrikoli tingħata bir-rata ta' 100 % għan-nefqa għat-tħaddim tal-forniment tas-servizzi u għall-akkwist tal-materjal meħtieġ għall-attivitajiet ta' dimostrazzjoni u n-nefqa għall-manutenzjoni ta' l-infrastruttura

**Id-data ta' l-implimentazzjoni:** L-1.4.2008

**It-tul taż-żmien ta' l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali:** Sat-30.12.2013

**L-għan ta' l-għajnuna:** L-għan ta' l-għajnuna huwa li jkunu organizzati wirjiet fit-tul fis-setturi tal-produzzjoni tal-pjanti u l-annimali (b'inkluzzjoni tal-biedja organika) fil-Latvja. Hija mmirata lejn il-promozzjoni tal-konnessjoni bejn ix-xjenza agrikola u l-produzzjoni.

L-għajnuna tingħata skond l-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Is-settur(i) ikkonċernat(i):** L-għajnuna hija maħsuba għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli.

L-għajnuna hija maħsuba għas-setturi tal-produzzjoni ta' l-annimali u tal-produzzjoni tal-pjanti

**L-isem u l-indirizz ta' l-awtortità li tagħti l-għajnuna:**

Latvijas Republikas Zemkopības ministrija
LV-1981 Rīga

**L-indirizz elettroniku:**

http://www.zm.gov.lv/doc_upl/4.pielikums.doc

**Tagħrif ieħor:** Għajnuna għall-attivitajiet ta' wiri fl-azjendi agrikoli u waqt wirjiet agrikoli għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli ser tingħata skond ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006: skond l-Artikolu 15 (3) l-għajnuna ser tingħata f'forma ta' servizzi ssussidjati u mhix se tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi, u skond l-Artikolu 15(4) l-għajnuna se tkun aċċessibbli għal dawk kollha eliġibbli fil-qasam ikkonċernat u bbażata fuq kundizzjonijiet iddefiniti oġġettivament. L-ebda għajnuna ma tibqa' għand xi impriża intermedjarja; l-għajnuna kollha tgħaddi għand il-benefiċjarji aħħarin.

L-għajnuna mhix ser tingħata retroattivament għal attivitajiet li diġà jkunu twettqu mill-benefiċċjarju